**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 10 ta' Gunju, 2020**

**Mandat Nru: 529/2020 AF**

**Angelo u Salvina konjugi Magro**

**vs**

**Graziella Magro**

**Carmelo Delia u Samuel Delia**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Angelo u Salvina konjugi Magro, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija din il-Qorti ntalbet izzomm lil Graziella Magro, Carmelo Delia u Samuel Delia milli jaghmlu, jesegwixxu, jinkarigaw lil min jaghmel, jikkummissjonaw u jissoktaw b'xogholijiet ta' kostruzzjoni, bini, twaqqiegh ta' bini u ftuh ta' aperturi u xogholijiet xort'ohra li qeghdin isiru fir-razzett numru wiehed (1), fi Triq ta' Xjakka, f'Haz-Zabbar, liema bieb jaghti ghal entrata mghottija, u ghandu wkoll bieb

iehor li wkoll igib in-numru wiehed (1) li jaghti fuq triq principali li tigi kantuniera mal-istess Triq ta' Xjakka u dan sakemm ma tinghata sentenza li tigi res judiciata fil-kawza fl-ismijiet "Angela Magro et vs Angelo Magro et" (Rikors Guramentat 183/2012JVC) li tinsab pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta tal-intimati.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-Art. 873 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tqis illi ma jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrenti jgawdu d-dritt li jsostnu li jgawdu, u dan partikolarment in vista tal-kuntratt minnhom esibit u d-dikjarazzjonijiet guramentati taghhom quddiem Qorti diversa.

Inoltre, lanqas ma jirrizulta irrimedjabbli l-hsara li tista' tigi kagunata lilhom jekk ix-xogholijiet jitkomplew.

Ghaldaqstant il-Qorti, peress illi tqis b'hekk illi l-vot tal-ligi mhuwiex sodisfatt, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tal-15 ta' Mejju 2020 u tichad it-talba kontenuta fir-rikors tal-istess data.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza pendenti bejn il-partijiet b'dana però li l-ispejjez tal-intimati Delia ghandhom jithallsu mir-rikorrenti.

IMHALLEF